**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 22**

**Data:** **21 ta' Ottubru 2024**

**Hin:** **9.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| | |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

22.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

22.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

22.5 Korrispondenza u Rapporti;

22.6 Attivitajiet;

22.7 Progetti u Xogholijiet;

22.8 Kumitat tal-Finanzi;

22.9 Applikazzjonijiet godda;

22.10 Materji ohra;

22.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**22.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

22.1.1 Joseph Mizzi talab li jigi skuzat minhabba impenji ta' xoghol f'Malta. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi skuzat.

**22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

22.2.1 Il-Minuti tat-18, 19, 20 u 21 gew approvati.

**22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

22.3.1 Is-Sindku semma l-possibilita' ta' *communal parking* kif diga gie diskuss fl-laqghat precedenti. Bhala post fejn jista' jsir huwa semma jew ma genb il-leisure park fi Triq Tumas Cassar jew inkellha possibilita' ohra hija taht il-grawnd tal-iskola. Huwa qal li taht il-grawnd tal-iskola hija l-ahjar ghazla peress li din hija diga sviluppata u apparti hekk din taqa' taht ir-responsabilita' tal-Minsiteru ghal Ghawdex. F'dan il-post jidher li jista' jdahhal fih bejn 200 u 250 vettura. Is-Sindku ssugerixxa li tinhareg offerta' *Design & Built* fejn min jisstometti l-offerta' tieghu jiehu hsieb ta' kollox. Huwa zied jghid li bhala fondi hemm ammont ta' madwar €300,000 minn UIF Funds u fl-offerta' jista' jitnezzel il-*budget* li hemm u kulhadd jitfa' il-proposta tieghu. Din l-offerta' tibqa' suggest ghall-fondi disponibbli u ghall-permessi. Tonio Mifsud qal li jezistu strutturi tal-metal li jnaqqsu l-ispiza. Is-Sindku qal li offerta ta' din ix-xorta l-Kunsill ma jkollux bzonn li jaghmel studji peress li min jiehu l-offerta' jaghmel kollox hu. Dan il-progett ser ikun taht l-art u bhala vizual ser jibqa' kollox kif inhu. Bhala access jista' jsir jew minn fejn il-gate tal-iskola kif inhi fil-prezent jew min-naha l-ohra ta' Triq Tumas Cassar. Il-Vici Sindku staqsa jekk dan jilhaqx isir fix-xhur tas-Sajf minhabba l-iskola fejn is-Sindku spjega li l-kuntrattur ikollu skeda tax-xogholijiet bil-granet li fihom irid jitlesta ix-xoghol. Huwa zied jghid li huwa probabli li r-*refurbishment* tal-iskola huwa previst ghas-sena id-diehla. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel li ghandha tinhareg din l-offerta'.

22.3.2 Is-Sindku qal li parti mil-Leisure Park fejn kien hemm iz-zrar qeghda vojta bhalissa. Huwa issugerixxa li din il-parti tinbidel f'Water Park u ghaldaqstant issugerixxa li l-Perit ghandu jigi kkuntajt sabiex jaghmel id-disinn tieghu flimkien mall-pariri ta' Inginier. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel ma' dak issugerit mis-Sindku.

22.3.3 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jippreparaw il-messagg taghhom ghal fuq ir-rivista annwali tal-Kunsill Lehen il-Punent.

**22.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

22.4.1 Ma kienx hemm mistqosijiet mill-Kunsilliera.

**22.5 Korrispondenza u Rapporti**

22.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet mill-awtorita' tal-ippjanar: PA/06486/25, PA/06299/25, PA/06338/25 u PA/06358/25.

**22.6 Attivitajiet**

22.6.1 Gie spjegat li l-attivitajiet li jmiss issa huma dawk ta' Novembru fejn ser ikun l-Opra, Make Music Great, Gharb Run u l-Herbs Festival. Is-Sindku qal li ghal Herbs Festival il-Kunsill kellu fondi gejjin anke mir-Regjun t'Ghawdex flimkien ma' dawk tal-Ministeru ghal Ghawdex. Huwa qal li bhala Opra kienet ser titella' La Traviata. Marbut ma' din l-Opra kienet ser issir ikla f'nofinshar. Huwa ssugerixxa li peress li l-Opra kienet il-gimgha, din tkun difficli ghar-residenti sabiex jattendi peress li tkun gurnata ta' xoghol ghaldaqstant huwa issguerixxa biex l-ikla issir is-Sibt fejn jista' jkun hemm wine/beer tasting. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Is-Sindku spjega ukoll li din is-sena l-Gharb Run ser tkun 5k u ser iddur anke fl-Ghasri biex tilhaq it-tul mehtieg.

Attivitajiet ohra li ser isiru jkunu dawk ta' kull sena tal-Milied.

**22.7 Progetti u Xogholijiet**

22.7.1 Bhala progetti kien hemm dawk taht il-Mizura 4.3 ghal Triq San Katald. Huwa spjega li x-xoghol huwa ghaddej u jekk ma jinqala' xejn ghandu jkun lest sal-Erbgha tal-Gimgha d-diehla. Ma' dawn kien hemm proposta min-naha tal-Kunsill sabiex mill-flus li baqa' possibilment isir Sqaq ta' Cini pero' ma kienx ghad hemm risposta definitiva.

22.7.2 Xogholijiet ohra li ghaddejin bhalissa hemm dawk fi Triq Tumas Cassar li jidher li sal-ahhar tas-sena ghandhom ikunu lesti. Il-Vici Sindku staqsa dwar il-finanzi ta' dawn ix-xogholijiet fejn is-Sindku spjega li x-xogholijiet li qed isiru huma tal-Water Services Corporation u huma reponsabli mill-finanzjament taghhom filwaqt li l-Kunsill huwa responsabbli biss mill-wicc tat-triq. Huwa zied jghid li l-policy issa inbidlet u x-xogholijiet li jsiru ghal Water Services Corporation jithallsu minnhom stess ukoll. Fir-rigward tal-ARB Complex gie spjegat li hemmhekk hemm bzonn ta' supply qawwija ta' dawl u ghaldaqstant il-cable li ser jghaddi ghandu jkun aktar b'sahhtu biex jlahhaq mad-domanda ta' dan il-post.

Is-Sindku qal li l-pool tista' tiftah hekk kif jigu finalizzati l-ahhar ftit xogholjiet biex zgur ma jkunx hemm perikli meta' jidhlu in-nies. Il-probabilta' li dan ser jinfeta' fi zmien qasir.

Il-Vici Sindku staqsa jekk hux ser isiru l-bankini ta' Triq Tumas Cassar. Is-Sindku qal li l-finanzjament ghalihom ghadu mhux approvat. Huwa zied jghid li min-naha tal-Ministeru dawn qed jitolbu sabiex jigu pprezentati l-kontijiet tat-tlett toroq li saru s'issa pero' peress li kien hemm arrangement mall-kuntrattur sabiex jintuzaw rati ibxax minhabba li kien ta' skont huma iridu lill-Kunsill jimxi mar-rati tal-offerta'. Gie spjegat li fil-prezent il-Perit tal-Kunsill kien qed jahdem fuqhom biex jghaddu ghand il-Ministeru. Kif jitlesta' dan il-process isiru l-pagamenti u wara huma jkunu jistghu jassistuna fil-cable. Id-decizjoni jekk il-budget hux ser jikber ghandha ma ttehdietx.

**22.8 Kumitat tal-Finanzi**

22.8.1 Gie spjegat li peress li l-FSI tal-Kunsill suppost ikun 10% u qieghed ikun inqas minhabba l-progetti l-kbar li jkollu l-Kunsill, il-Kunsill huwa obligat li jkollu Kumitat tal-finanzi. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li fil-Kumitat ghandu jkun hemm is-Sindku, s-Segretarju Ezekuttiv, l-Accountant u Lisa Marie Brooke.

**22.9 Applikazzjonijiet godda**

22.9.1 Is-Sindku spjega li hemm zewg applikazzjonijiet min-naha tal-Leader taht il-Gozo Action Group. Wahda mill-applikazzjonijiet tirrigwardja s-sahha mentali u l-ohra restawr ta' oggetti fil-lokalita'. Is-Sindku ssugerixxa sabiex ghal tas-sahha mentali ssir applikazzjoni tal-ARB Complex sabiex ikomplu iktar servizzi minn dan il-kumpless. Fir-rigward tal-applikazzjoni tar-restawr huwa ssugerixxa li isir restawr fis-shelter tal-Pjazza. Tonio Mifsud ssugerixxa sabiex jekk jigi restawrat is-shelter issir wirja tal-gimgha l-kbira gewwa fih. Huwa staqsa ukoll dwar il-problema tal-ilma f'dan is-shelter fejn is-Sindku qal li illum isir directional drilling biex tista' tghin biex issolvi l-problema tal-ilma. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel maz-zewg progetti.

22.9.2 Is-Sindku qal li hemm applikazzjoni ohra tal-mobilita'. Fuq din kien diga gie diskuss is-servizz tad-drone li jservi bhala courier services. Dan il-progett jista' jigi ffinanzjat taht il-leader u l-Kunsill ikun bhala partner. Is-Sindku spjega li jekk il-Kunsill jixtri d-drone dan jibqa' ghand il-Kunsill u l-progett idum tlett snin. Dan ikun jista' jintuza bhala kurrier normali kif ukoll ghall-medicini u jkun jiflah certu ammont ta' piz.

**22.10 Materji ohra**

22.10.1 Is-Sindku qal li iridu jinxtraw rigali ghat-tfal tal-Milied. Il-Kunsill qabel li ghandu jsib token zghir ghat-tfal tal-lokalita' ghaz-zmien il-Milied.

22.10.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ipprezenta oggezjoni ghal PC0014/2025 fejn hemm ittra sabiex jitnehha l-ingbombru li hemm fil-post. Intbghatet ittra reġistrata lill-Awtorita' tal-Artijiet kif ukoll lis-Sid.

22.10.3 Is-Sindku qal li l-attivita' tar-Regjun fejn kellha ssir ezebizzjoni, kull ma kien hemm applikant wiehed u ghaldaqstant din giet ikkancellata.

**22.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

22.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 18 ta' Novembru 2025, fid-9.00am.

22.11.2 Il-laqgha spiccat fil-9.53am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv